# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 235/2016**

Il-Pulizija

vs

**Louis Grixti**

detentur tal-karta ta' l-identita' numru 137581(M)

Illum, 4 ta' Novembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Louis Grixti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fix-xhur ta' Settembru, Ottubru, Novembru u Dicembru ,2015 f'San Pawl il-Bahar, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk f' zminijiet differenti kisru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u gew maghmula b'risoluzzjoni wahdal dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat naqas li jaghti lil Roseanne Seguna Mogbolu, is-somma ffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratttt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax il-jum min dak il jum li fih skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta’ April, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati u ghaldaqstant kkundannatu xahar prigunerija sospizi ghal sena ai termini tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ordnat li jhallas €800 fi zmien tlett xhur ai termini tal-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant Louis Grixti pprezentat fil-5 ta’ Mejju, 2016 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi thassarha u tirrevoka f'dik il-parti tas-sentenza fejn ddikjaratu hati ta' l-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tilliberah minnha alternattivamant tirriforma l-piena billi minflok tigi mposta piena li tkun ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-appellant jilmenta li l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti quddiemha. Ghaliex skartat l-verzjoni tieghu. li kienet wahda konsistenti sa mill-bidu nett.

Illi d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 21(1) u 54(7) tal-Kodici Civili riferibbilment ghall-varjazzjoni tal-manteniment ghandhom jinkorporaw il-principju 'nemo ad impossibilia tenetur' kif inkorporat fl-artikolu 985 tal-Kodici Civili.

Illi l-appellant umilment ghal darb'ohra jirribadixxi l-argumentazzjoni tieghu li l-artikoli 21(1) u 54(7) tal-Kodici Civili jipprovdu kjarament dwar tnaqqis ta' manteniment f'kaz ta' tibdil.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet Mary Vella vs Mario Vella (2 ta' Novembru, 1994) deciza mill-Qorti ta' l-Appell. u anke citata fis-sentenza gie ritenut:- ". .. hu minnu l-Ligi llum ma taghmel l-ebda distinzjoni bejn il-manteniment 'ex lege' jigifieri dak determinat b'sentenza tal-Qorti jew dak 'ex contractu’ in kwantu tezisti l-possibbilta ta'min hu obbligat li jhallas il-manteniment li jitlob li jkun mehlus mil-obbligu jew ikun imnaqqas skont ma jkun il-kaz' jekk jigi fi stat li ma jkunx jista' jaghti aktar il-manteniment kollu jew bicca minnu, (art. 21(1) ta' l-Att XXI ta' l-1993) .. "

Illi c-cirkostanzi li jinsab fihom l-appellant huwa indipendenti mill-volonta' tieghu li gabuh fl-impossibilita li jhallas ir-retta alimentari allura ghandu jkun hemm lok ghal varjazzjoni.

Illi l-appellant minn wara li kellu l-incident adixxa lill-Qorti Civili Kompetenti sabiex wara li tiehu konjizzjoni tal-provi tipprovdi billi possibilment timmodifika l-ordni dwar il-manteniment.

Illi nonostante diversi attentati ta' notifiki u nonostante li nfurmata diversi drabi bir-rikors anke bil-fomm u perrnezz ta' konversazzjoni telefonika Roseanne Seguna Mogbolu, omm il-minuri, ghall-ebda raguni valida qeghda tinsisti sabiex tevita l-ingunzjoni.

Illi d-dizokupazzjoni tal-appellant mhijiex wahda kolpuza izda sfortunatament l-appellant baqa' sejjer lura wara li kellu incident.

Illi min-naha l-ohra l-appellant qieghed jircievi l-minimu ta' l-assistenza socjali u lanqas ghandu mezzi biex kwazi jghix hu nnifsu u lanqas biex imantni lil haddiehor.

Illi mill-ftit li kellu l-appellant kemm il-darba offra jivversa xi flejjes lil Roseanne Seguna Mogbolu izda dina baqghet tirrifjuta stante li riedet l-ammont fl-intier tieghu, impossibilita assolulta min-naha tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tal-4 ta' Novembru, 2016 il-Qorti giet infurmata mill-parte civile li l-appellant hallas dak kollu dovut.

Ghaldaqstant, tichad l-appell ta' Louis Grixti u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena, thassar u tirrevoka l-piena nflitta u minflok tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahrejn mil-lum. Thassar u tirrevoka l-effetti kollha ta' l-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali.